



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9114/19

JAI 489
COPEN 199
CYBER 152
DROIPEN 78
JAIEX 74
ENFOPOL 228
DAPIX 176
EJUSTICE 62
MI 419
TELECOM 210
DATAPROTECT 141
USA 32
RELEX 467

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati bil-ħsieb tal-konklużjoni ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar l-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta'...

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati bil-ħsieb tal-konklużjoni ta' ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar l-aċċess transfruntier
għall-evidenza elettronika għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 u l-Artikolu 82(1), flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' April 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġislattivi għal Regolament dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali u għal Direttiva li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-fini tal-ġbir tal-evidenza fi proċedimenti kriminali . Il-Kunsill qabel rigward approċċ ġenerali dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal dak ir-Regolament fil-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Diċembru 2018 u dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal dik id-Direttiva fil-laqgħa tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2019.
- (2) Jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar l-aċċess transfruntier minn awtoritajiet ġudizzjarji fi proċedimenti kriminali għal evidenza elettronika miżmuma minn fornitur ta' servizz ('il-Ftehim').

- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim ikun jinkludi s-salvagwardji neċessarji għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u li josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ('il-Karta'), b'mod partikolari d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, tad-dar u tal-komunikazzjoni rikonoxxut fl-artikolu 7 tal-Karta, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali rikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta, il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni rikonoxxut fl-Artikolu 21 tal-Karta, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali rikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta, il-preżunzjoni ta' innoċenza u d-dritt għad-difiża rikonoxxuti fl-Artikolu 48 tal-Karta, il-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati u ta' pjeni rikonoxxuti fl-Artikolu 49 tal-Karta, u l-prinċipju ta' *ne bis in idem* rikonoxxut fl-Artikolu 50 tal-Karta. Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi applikat f'konformità ma' dawk id-drittijiet u l-prinċipji.
- (4) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u ta opinjoni fit-2 ta' April 2019².

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

² Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

- (5) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, dawk l-Istati Membri mhumiex qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhumiex marbuta biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.
- (6) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata li tiftaħ negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar l-aċċess transfruntier minn awtoritajiet ġudizzjarji fi proċedimenti kriminali għal evidenza elettronika miżmuma minn fornitur ta' servizz.
2. In-negozjati għandhom jitmexxew abbażi tad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill stabbiliti fl-addendum għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija b'dan innominata bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

Artikolu 3

In-negozjati għandhom jitmexxew f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-COPEN u f'konformità mad-direttivi li jinsabu fl-addendum għal din id-Deċiżjoni, soġġett għal kwalunkwe direttiva li l-Kunsill jista' sussegwentement joħroġ lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar l-iżvolġiment u l-eżitu ta' kull sessjoni ta' negozjati. Fejn adatt jew fuq talba tal-Kunsill il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport bil-miktub.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi ..,

Għall-Kunsill

Il-President
